39

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 9 FEB 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

9th February 2022

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/4568/21* |
| *Lokazzjoni:* | *Tu Temp, Triq is-Sies, Naxxar* |
| *Proposta:* | *External and Internal alterations at basement, ground floor and first floor* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**David Zammit**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 4568/21.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) il-permess gie michud u d-decizjoni giet ippublikata fil- 11 ta' Jannar 2023.

Bid-dovut rispett, l-appellanti jhossuhom aggravati minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottomettu dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).

- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti tissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi huwa car illi l-Awtorita ma qiesitx it-talba b' mod korrett u dan johrog car mill-assessment tal-Case Officer Report.

*1.2* Illi il-varjazzjoni mitluba hija minima u certament mhux se jinbidel la l-aspett tal-binja u wisq anqas mhux se jigi aggravat il-kuntest tal- binja in kwistjoni.

1.3 Illi huwa car illi id-decizjoni kella tkun a bazi ta' policies u ragunijiet ta' ippjanar, kif ukoll aspetti materjali ohra li jistghu ikunu rilevanti.

1.4 Illi dan kien suggett ta' diversi decizjonijiet ohra mehuda mill-awtorita, b' riserva illi matul il-kors ta' l-appell issir referenza ghall-permessi ohra.

1.5 Illi il-proposta giet studjata fid-dettal u certament illi dak propost ma jista qatt ikun ikkunsidrat li b' xi mod se jkollu impatt fuq il-madwar.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**

Xhieda:

L-appellant, konsulenti, enetitajiet governattivi u regolatorji u terzi persuni sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**